# IL-KULT MARJAN TAĦT IT-TITLU 'TAL-ĠILJU' (1)

**Tagħrif storiku miġbura minn Charles Farrugia**



**F'artiklu li ppublikajt xi snin ilu f'dan il-programm [1], kont tajt informazzjoni dwar il-kult lejn il-Madonna tal-Ġilju ġewwa l-Isla kif ukoll ġewwa l-Imdina. Minn riċerka li komplejt nagħmel fuq dan is-suġġett, irnexxieli nsib aktar lokalitajiet fejn kienet teżisti devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu. Dan l-artiklu huwa l-ewwel parti minn studju fuq dan is-suġġett u fih ser nagħtu ħarsa lejn din id-devozzjoni ġewwa żewġ postijiet fl-Italja.**

**Firenze**

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ġewwa l-Italja hi mferrxa sew u madwar il-pajjiż kollu nsibu l-Madonna meqjuma taħt diversi titli. Huma diversi l-ibliet Taljani u postijiet importanti iddedikati lill-Madonna. Fost dawn insibu l-famuż Duomo ġewwa Firenze, ddedikat lil Santa Maria del Fiore. Importanti wkoll hija r-rabta ta' Firenze mal-ward u saħansitra anke l-arma tal-lokal tirrappreżenta l-ġilju. Mhix ħaġa kbira għalhekk li fl-istess post insibu devozzjoni antika lejn il-Madonna taħt it-titlu 'tal-Ġilju.'



*Il-kwadru devot tal-Madonna tal-Ġilju ġewwa Firenze.*

Il-Madonna tal-Ġilju flimkien ma' San Ġużepp huma l-padruni tal-Knisja parrokkjali ġewwa Firenze. Il-Madonna tal-Ġilju kienet ukoll il-padruna ta' Konfraternità li kienet iġġib l-istess isem u li kienet ferm devota f'dan il-pajjiż.[2] Iżda kif oriġinat din id-devozzjoni?

Fis-seklu ħmistax fil-post li fih illum insibu l-knisja ta' San Ġużepp, kien hemm oratorju dedikat lil Santa Marija tal-Ġilju. Fl-1405 f'dan l-oratorju twaqqfet għaqda ta' ħaddiema li kellhom is-sengħa ta' l-ikkunżar (proċess ta' tinxif u manifatturar tal-ġild użat għall-qrieq). Dawn il-ħaddiema kellhom devozzjoni speċjali lejn ix-xbiha ta' Marija bil-Bambin f'idejha magħrufa bit-titlu 'Tal-Ġilju.' [3]

Jidher li fil-post kien hemm affresk li jirrappreżenta l-Madonna iżda li sfortunament ma għad baqa xejn minnu. Mill-offerti li kienu jinġabru permezz tal-wegħdiet li kienu jsiru quddiem din ix-xbiha, fl-1519 bdiet tinbena l-knisja preżenti li wara li tlestiet, ma' l-isem oriġinali tagħha tal-Madonna tal-Ġilju, żdied ukoll dak ta' San Ġużepp. [4]

Fuq l-artal ta' din il-knisja nsibu l-pittura li tirrappreżenta l-Madonna tal-Ġilju. Il-figura tal-Madonna hija bil-qiegħda bil-bambin f'ħoġorha u f'idejha x-xellugija qed iżżomm il-ġilju. Għalkemm wieħed ma jistax igħid b'ċertezza min pitter dan il-kwadru, ħafna jattribwuh lill Raffaellino del Garbo [5] u x'aktarx li sar fl-1498. Lanqas ma hi eskluża l-possibilità li dan il-kwadru jista' jkun kopja ta' l-affresk li oriġinarjament kien hemm fl-ewwel knisja. [6]

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju f'dan il-lokal kibret tant li bdiet issir purċissjoni permezz tax-xbiha tal-Madonna tal-Ġilju. Din il-purċissjoni kienet issir fil-31 ta' Mejju ta' kull sena u b'hekk, kienet iġġib fi tmiem xahar ta' devozzjoni u attività Marjana. Din it-tradizzjoni waqfet għall-aħħar tas-snin ħamsin kemm minħabba iż-żjieda fit-traffiku kif ukoll

*.......ikompli f'paġna 83*

minħabba il-problemi sabiex jinkisbu l-permessi meħtieġa. Maż-żmien spiċċat ukoll il-fratellanza li propju kienet iġġib l-isem tal-Madonna tal-Ġilju. [7]

Ta' min igħid ukoll li Sandro Botticelli, pittur Fjorentin li għex bejn l-1444 u l-1510, għall-ħabta ta' l-1480 lesta pittura bl-isem 'The Madonna of the Lilies.' [8] Wieħed forsi jista' jgħid li dan kien biss isem mogħti lil din il-biċċa xogħol artistika. Għalkemm m'hemmx lok għal konklużjonijiet, mhux eskluż li x-xogħol tiegħu kien frott ta' din id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju, li kif rajna kienet teżisti f'Firenze għal bosta snin.

**Caltagirone**

Mhux tant bogħod minn pajjiżna, ġewwa Sqallija, wieħed jista' jammira pittura oħra bl-isem 'Madonna del Giglio.' Din il-pittura tinsab fil-Mużew Ċiviku ta' Caltagirone. [9] Dan il-kwadru hu attribwit lill-pittur Sqalli Francesco Vaccaro, u nħadem għall-ħabta ta' 1875. [10]

**Min kien Francesco Vaccaro?**

Francesco Vaccaro twieled fit-2 ta' Jannar 1808 f'Caltagirone, iben Luigi u Maria Carfi. Ħuh Ġużeppi kien ukoll pittur u peress li kien ħmistax-il sena ikbar minnu, kellu influwenza kbira biex Francesco jaqbad it-triq tal-pittura. Fl-1832 Francesco mar jistudja l-pittura ġewwa Palermo. [11]

Fis-16 ta' Novembru 1861, Mario Vaccaro jiġifieri iben Francesco, rebaħ borża ta' studju fl-arti għal tliet snin ġewwa Firenze. [12] Meta fis-6 ta' Ġunju 1862 Mario telaq lejn Firenze ħa miegħu lil missieru Francesco, li dam hemm għal xahrejn u li fihom żar diversi opri ta' l-arti u ħwienet ta' pitturi famużi. [13]

Il-karattru ta' Francesco kien wieħed reliġjuż u devot ħafna tal-Madonna. Dan jidher ċar mill-korrispondenza bejnu u bejn ibnu matul it-tliet snin li dan ta' l-aħħar dam ġewwa Firenze. L-ittri kollha li Francesco kien jikteb lil ibnu kienu jagħalqu bl-istess kliem, *'sii devoto a Dio e all' Vergine Maria e non dubitarne perchè chi osserva i suoi precetti non sgarra.'* [14]

Fl-4 ta' Ġunju 1865, Mario Vaccaro miet fid-dar tal-ġenituri tiegħu ġewwa Caltagirone wara marda li qabditu. [15] Fost l-aħjar xogħlijiet artistiċi tiegħu nsibu *'Nina sicula'* li hu pitter fl-istess sena tal-mewt tiegħu. [16] Missieru Francesco kompla bil-ħidma artistika tiegħu sakemm miet fid-19 ta' Lulju 1882, fl-età ta' 74 sena. X'aktarx li l-aħħar xogħol li għamel kienet pittura ta' l-Immakulata Kunċizzjoni għall-Fratellanza tagħha ġewwa Caltagirone. [17]

Jidher li l-pittura tal-Madonna tal-Ġilju kienet ferm għal qalb il-familja Vaccaro. Fl-1951, wieħed mill-werrieta tal-familja Vaccaro għadda 'l fuq minn mitt kwadru u mitejn u tletin disinn ieħor li saru mill-antenati tiegħu lill-Mużew ta' Caltagirone. Bħala kundizzjoni huwa ried li l-kwadru *'Madonna del giglio'*



*Pittura bl-isem 'Madonna del Giglio' attribwita lil Francesco Vaccaro u li tinsab fil-Mużew Ċiviku ta' Caltagirone ġewwa Sqallija.*

kif ukoll *'Ritratto di famiglia'* u *'Giuseppe con il Bambino'* jibqgħu fid-dar tiegħu sa mewtu. Fil-fatt il-kwadru *'Madonna del giglio'* ġie donat lill-Mużew minn martu Anna Mineo fl-14 ta' Jannar 1976. [18]

Wieħed jista' jara xebħ, fil-kontenut u mhux fl-istil, bejn il-kwadru f'Caltagirone u dak f'Firenze. Il-Madonna fiż-żewġ każi tinsab bil-qiegħda, bil-Bambin u l-ġilju f'idejha. Jekk kemm-il darba f'Caltagirone kienx hemm devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju wieħed ma jistax igħid. Però wieħed lanqas ma jista' jeskludi li x-xogħol ta' Vaccaro fuq dan il-kwadru kien riżultat ta' l-ambjent li fih kien jaħdem dan l-artist. Ta' min ifakkar ukoll fiż-żmien li Francesco Vaccaro għadda f'Firenze fejn seta' ġie nfluwenzat mid-devozzjoni li kien hemm lejn il-Madonna tal-Ġilju ġewwa dan il-lokal.

**Għeluq**

Minn din il-ġabra ta' informazzjoni joħorġu diversi punti denji ta' nota. L-ewwelnett wieħed jista' jgħid b'ċertezza li l-kult lejn il-Madonna taħt it-titlu ta' Ġilju mhux xi ħaġa lokali u riċenti. Kif rajna ġewwa Firenze d-dokumentazzjoni tieħu lura dan il-kult għall-1405. Din id-devozzjoni baqgħet soda għal aktar minn ħames mitt sena u kien biss għall-ħabta tal-1960 meta spiċċat il-purċissjoni, iżda mhux id-devozzjoni li għadha ħajja sal-lum.

It-tema 'Madonna tal-Ġilju' kienet ukoll ta' ispirazzjoni artistika għal artisti diversi fi żminijiet

..... *ikompli f'paġna 85*



*Il-Knisja Parrokkjali ġewwa Firenze li oriġinarjament kienet dedikata lill-Madonna tal-Ġilju u wara żdied ukoll it-titlu ta' San Ġużepp.*

diversi. Tkellimna dwar ix-xogħlijiet ta' Botticelli fl-1480, Raffaellino Del Garbo fl-1498 u Francesco Vaccaro fl-1875. Ħafna xogħlijiet oħra nħadmu wkoll b'temi relatati bħal 'Maria SS. della Purità' ta' Francesco Vaccaro, iżda dawn ma nistgħux ngħidu li jaqgħu fil-linja ta' l-istudju tagħna.

Importanti wkoll wieħed jinnota li l-għaqda tal-ħaddiema li kienet imwaqqfa f'Firenze fl-1405 u li saret Kongregazzjoni jew Fratellanza kienet imsejħa propju bl-isem tal-Madonna tal-Ġilju. Dan hu punt importanti li 'l quddiem nitkellmu aktar dwaru meta nittrattaw id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju f'Malta.

Meta wieħed jitkellem fuq dawn il-fatturi kollha ġewwa l-Italja, pajjiż tant qrib tagħna u li minn dejjem kellna kuntatti kbar miegħu, bil-fors tiġik it-tentazzjoni li tgħid li d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju ġewwa pajjiżna oriġinat minn dan il-pajjiż. Għalkemm dan jista' jkun il-każ għadha ma nstabet l-ebda dokumentazzjoni li turi dan. Żgur iżda li l-kult lejn il-Madonna tal-Ġilju kien wieħed kumpless u mifrux mhux ħażin u jitlob ħafna aktar analiżi sabiex inkunu nistgħu ngħidu li eżawrejnieh tassew.

1. Farrugia, C., Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju f'Malta *Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju 1989, p. 17.*
2. Informazzjoni minn '*Chiesa di San Giuseppe in Firenze*' fuljett informattiv ippublikat mill-parroċċa ta' Firenze.
3. A(rkivju) P (arrokkjali) F(irenze), Informazzjoni ġentilment minn Rev. Giovanni Martini, kappillan tal-Parroċċa San Giuseppe.
4. *Ibid.,*
5. Ara *supra,* n. 2.
   Rafaellino del Garbo kien pittur Fjorentin li twieled għall-ħabta ta' l-1470 u x'aktarx li miet fl-1525. Jidher li fl-istess żmien ġewwa Firenze kien hemm aktar minn pittur wieħed bl-istess isem u fost firem differenti insibu dik ta' R. de Carli, R. Capponi, u R. di Firenze. Wieħed ma jistax igħid min kien eżattament del Garbo. Vasari jsostni li R. del G. kien segwaċi ta' Filippo Lippi.
6. Ara *supra,* n. 3.
7. *Ibid.,*
8. Għal illustrazzjoni ta' din l-opra t'arti ara, *Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju 1987,* p. 21.
9. Il-kwadru hu żejt fuq it-tila, n-numru ta' l-inventarju hu 195 u d-daqs tiegħu hu 73,5 x 57,5 cm
10. Ficarra, A., Librando, V., *Giuseppe Francesco e Mario Vaccaro pittori del XIX secolo,* Siracusa: Ediprint, 1991. p. 80.
11. *Ibid., p. 101*
12. *Ibid., p. 53*
13. *Ibid., p. 30*
14. *Ibid., p. 56*
15. *Ibid., p. 113*
16. *Ibid., p. 84*
17. *Ibid, p. 11*
18. *Ibid., p. 61*

*RADD IL-ĦAJR*

*Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi għall-għajnuna li sibt mingħand: is-Sur Sergio Portelli B.A.(Hons); is-Sinjorina Joanne Borg; D.ssa Angelica Faro, Azienda Autonoma per l'Incremento Turistico, Catania; Dot. Francesco Judica, Azienda Autonoma Soggiorno e Turismo Caltagirone; Dot. Salvatore Butera, Banco di Sicilia; kif ukoll lill-kappillan tal-parroċċa ta' San Ġużepp f'Firenze Sac. Giovanni Martini li kkopera ħafna f'din ir-riċerka.*

**MARIA**

GĦAL DRAPPIJIET
TA' KULL OKKAŻJONI

Vince Dimech Street,
Żurrieq

Tel: 685979

